MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2013

Citazzjoni Numru. 330/2011

Kawza fil-lista: 16

**B A**
**vs**
**C D f'isimha proprju u ghan-nom tal-minuri E D;**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur ipprezentat fis-7 ta' Novembru 2011 li permezz tieghu wara li ppremetta:-

1. Illi minn relazzjoni li kellu ma' l-intimata C D twieldet tifla fis-16 ta' Gunju 2003 E D;

2. Illi ghalkemm l-intimata giet interpellata b'ittra ufficjali data 10 ta' Marzu 2011, numru 30/2011 kif mitlub skont l-artikolu 86 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, debitament notifikata lill-intimata permezz tal-procedura kkontemplata taht l-artikolu 187 (3) tal- Kap 12 ral-Ligijiet ta' Malta, sabiex tipprezenta nota fejn tiddikjara illi qed taqbel mar-registrazzjoni tar-rikorrent bhala l-missier naturali tal-minuri, l-intimata baqghet inadempjenti;

3. Illi l-intimata qatt ma cahdet li r-rikorrent huwa missier il-minuri izda minn mindu r-rikorrenti wera l-intenzjoni li jirrikonoxxi lill-minuri bhala bintu, l-intimata waqqfitlu kull kuntatt mat-tifla;

4. Illi il-missier (recte: il-minuri) gie registrat fir-Registru Pubbliku mill-intimata b'att ta' twelid taht 'missier mhux maghruf';
5. Illi r-rikorrent ghandu interess li jirrikonoxxi lill-minuri bhala l-wild naturali tieghu;

Talab lill Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-minuri E D hija l-bint naturali tar-rikorrent B A billi jekk ikun il-kaz tinnomina espert mediku sabiex isiru t-testijiet genentici apositi sabiex tigi stabbilita l-paternita' tal-minuri;

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-att tat-twelid tal-minuri E D jaghmel is-sostituzzjonijiet mehtiega billi fejn l-att hemm referenza ghal konnotati ta' missier il-minuri, l-kliem 'unknown father' jigu sostitwiti bis-segwenti konnotat: "B A - karta tal-Identita numru 542182M - imwieled il-Pieta u residenti Fgura - iben George A (haj) u Josephine nee Bartolo (hajja)

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjlai ta' l-10 ta' Marzu 2011, Numru 30/11 u l-ittra legali datata 01 Gunju 2011.

Rat il-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha issottometta u eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi preliminarjament l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz inkwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji ghalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernati sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi bla hsara ghall-premess f'kaz li tintlaqa' l-ewwel talba attrici l-esponenti jinvita lir-rikorrenti B A sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-identita. (3) l-eta tieghu meta twieldet il-minuri E D, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5)il-post tar-residenza tieghu meta twieldet l-imsemmija minuri; (6) isem u kunjom ta' missieru, (7) jekk il-missier patern kienx ghadu haj meta twieldet it-tifla E D. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-imsemmi E D bin-numru ta' registrazzjoni 2173 tas-sena 2003;

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definttiv liema kunjom ghandha tassumi l-minuri E a tenur tal Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunque kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat il-lista tax-xhieda tad-Direttur tar-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-konvenuta C D li eccepPiet:-

1. Illi preliminarjament qed tigi eccepita l-improponabilita u l-inammissibilita tal-azzjoni attrici, stante li l-azzjoni kif imfassla u intavolata mir-rikorrent hi disponibbli biss fil-kaz ta' minuri li huma indikati bhala ulied "missier mhux maghruf" fuq ic-certifikat tat-twelid. Jigi rilevat li l-minuri E Mangion ma hix bint missier mhux maghruf, izda bint Emanuel Mangion, skont ma jirrizulta mic-certifikat tat-twelid u l-kuntratt ta' rikonoxximent;

2. Illi preliminarjament u biss jekk Il-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni, qed tigi eccepita wkoll in-nullita tal-azzjoni attrici, peress illi l-ittra ufficjali rikjest ai termini tal-art. 86 tal-Kap 16 ma gietx debitament notifikata lill-intimata C D;

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni attrici wkoll monka peress illi biex ir-rikorrent jirnexxi fit-talbiet tieghu, kellu bilfors jipproponi talba sabiex jigi impunjat il-kuntratt ta' rikonoxximent liema talba hu evidenti li ma saritx;

4. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma kontestati. Ir-rikorrent issa donnu qed "jiftakar" li ghandu wild, kwazi disgha snin wara li twieldet. Ir-rikorrent hu estraneju ghall-minuri E D, u m'ghandu l-ebda rabta naturali li tezisti bejn wild u genitur. Ir-rikorrent ma jmantnix u lanqas jezercita xi access ghall-imsemmija minuri E. Il-minuri ma tafx lir-rikorrent bhala missierha, izda taf lil Emanuel Mangion bhala missierha. It-talba attrici hi biss tentattiv vessatorju da parti tar-rikorrent biex jipprova jharbat il-hajja tal-familja tal-intimata u tal-istess wild minuri, li hi mrobbija b'ghozza u b'rispett kbir mill-gerituri taghha l-intimata C D u Emanuel Mangion. B'dak illi qed jittenta jaghmel, ir-rikorrent ittrawmatizza lill-minuri stante li hi konxja li hemm xi hadd li qed jallega li hu missierha li jrid jahtafha mill-familja taghha u minn hutha.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta C D.

Rat ir-rikors tal-attur u d-digriet taghha datat 15 ta' Mejju 2012 li permezz taghha cahdet it-talba sabiex Emanuel Mangion jigi kjamat in kawza f'dawn il-proceduri;

Rat id-dokumenti prezentati;

Rat l-atti kollha tal-kawza, u x-xhieda moghtija via voce.

Rat is-sentenza taghha tat-28 ta' Frar 2013 li permezz taghha cahdet it-tieni eccezzjoni tal-konvenuta.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Avukati tal-partijiet fir-rigward tal-ewwel u t-tielet eccezzjoni tal-konvenuta.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza fuq l-ewwel u t-tielet eccezzjoni tal-konvenuta.

Ikkonsidrat;

**L-Ewwel Eccezzjoni**.

Fl-ewwel eccezzjoni taghha l-konvenuta eccepiet illi:-

1. *Illi preliminarjament qed tigi eccepita l-improponabilita u l-inammissibilita tal-azzjoni attrici, stante li l-azzjoni kif imfassla u intavolata mir-rikorrent hi disponibbli biss fil-kaz ta' minuri li huma indikati bhala ulied "missier mhux maghruf" fuq ic-certifikat tat-twelid. Jigi rilevat li l-minuri E Mangion ma hix bint missier mhux maghruf, izda bint Emanuel Mangion, skont ma jirrizulta mic-certifikat tat-twelid u l-kuntratt ta' rikonoxximent*;

Mill-atti jirrizulta li mar-rikors guramentat tieghu l-attur ipprezenta kopja ta' certifikat tat-twelid tal-minuri E fejn huwa iccertifikat li dina twieldet minn "missier mhux maghruf".[1]

Min-naha taghha l-konvenuta ipprezentat certifikat tat-twelid tal-istess minuri li jiccertifika li missier il-minuri huwa certu Emanuel Mangion.[2]

[1] Fol. 4
[2] Fol. 22

Jirrizulta wkoll illi filwaqt li l-ewwel certifikat gie rilaxxjat mir-Registru Pubbliku fit-23 ta' Dicembru 2010, kwazi sena qabel ma' giet intavolata l-kawza odjerna, it-tieni certifikat gie rilaxxjat mir-Registru Pubbliku fl-24 ta' Marzu 2011, hames xhur qabel giet intavolata l-kawza.

Irrizulta wkoll illi din id-differenza bejn iz-zewg certifikati hija rizultat ta' kuntratt ta' rikonoxximent ta' paternita' ppubblikat min-Nutar Dottor Graziella Agius Farrugia fit-2 ta' Marzu 2011[3] li permezz tieghu l-imsemmi Emanuel Mangion u l-konvenuta C D dehru fuq il-precitat kkuntrat u ddikjaraw li missier il-minuri E huwa Emanuel Mangion. Sussegwentement tali kuntratt gie insinwat u saret l-emenda relativa fic-certifikat tat-twelid.
Ezami tar-rikors guramentat tal-attur jizvela illi l-attur ma kienx konxju li hames xhur qabel ma intavola l-kawza Emanuel Mangion u l-konvenuta dehru fuq il-pubblikazzjoni ta' kuntratt ta' rikonoxximent tal-paternita' li per konsegwenza gie emendat ic-certifikat tat-twelid tal-minuri.

Isegwi ghalhekk illi l-kawza kif impostata ma tistax tipprosegwi in kwantu l-attur qed jitlob li jitnizzel hu bhala missier il-minuri minflok il-kliem "missier mhux maghruf", mentri jirrizulta li llum il-minuri ghandha missier rikonoxxut skond il-ligi li ma hux parti f'din il-kawza.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddisponi mit-talbiet attrici u mill-eccezzjonijiet tal-konvenuta billi:

1. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta u tiddikjara illi l-azzjoni attrici hija msejsa fuq premessa fattwalment skorretta in kwantu mhux minnu li c-certifikat tat-twelid tal-minuri juri li ghandha "missier mhux maghruf",

2. Tiddikjara l-azzjoni attrici kif impostata bhala improponibbli u konsegwentement tichad it-talbiet attrici.

[3] Fol. 23

Bl-ispejjez kontra l-attur, hlief dawk relatati mas-sentenza in parte moghtija fit-28 ta' Frar 2013 li ghandhom jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------